17 ta' Mejju, 1952

*Imħallef :*

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* A.B. Vincenzo Pantalleresco

**Minaċċja — Appell — Preskrizzjoni — Art. 425 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-fatt li l-Maġistrat jirritjeni bħala fatt "pruvat" li tabib tal-Gvern, fil-waqt li ġie mhedded, kien qiegħed jaġixxi mhux bħala tabib tal-Gvern, imma bħala eżerċent privat, u li għalhekk it-theddida li għamillu l-imputat hija minaċċja kontravvenzjonali, ma jfissirx li l-Maġistrat għamel enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi; u għalhekk dik is-sentenza, dwar daqs hekk, mhix appellabili mill-Prosekuzzjoni.*

*Il-minaċċja kontravvenzjonali hija preskritta malli jgħaddu tliet xhur.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fl-14 ta' Marzu 1952, li biha, fuq l-imputazzjoni illi l-Mosta, fit-12 ta' Novembru 1950, hedded lit-Tabib Victor Briffa, uffiċjal publiku, waqt li dan kien qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu, l-imputat ġie liberat, għax dik il-Qorti rriteniet *li t-theddida ġiet magħmula mill-imputat lit-Tabib* Briffa mhux bħala uffiċjal publiku, iżda fil-kwalità tiegħu privata, u l-azzjoni kienet preskritta;

Rat ir-rikors ta' l-Attorney General għar-revoka ta' dik is-sentenza;

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni, li, kif inhu magħruf, l-appell tagħha hu ċirkoskritt għall-każijiet imsemmija fl-art. 425 Kap. 12, appellat għax, skond is-sottomissjoni tagħha, il-Qorti t'isfel illiberat minħabba li *fil-fatt ma kienx hemm l-elementi tar-reat u* minħabba estinzjoni ta' azzjoni;

Issa, ġie kemm il-darba ritenut minn din il-Qorti li l-kelma "fatt" għandha tiftiehem "il-fatt kif dedott apparti mill-provi", u li kwindi ma hemmx dritt ta' l-appell għall-Prosekuzzjoni jekk il-Maġistrat ikun illibera fuq il-"fatt kif pruvat", vwoldiri in bażi għall-apprezzament ta' fatt. Ġie anki ritenut illi hemm id-dritt ta' l-appell jekk il-Maġistrat, wara li jkun stabbilixxa l-fatti kif emersi mill-provi, ikun applika għalihom *enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi;*

Issa hawn ma jirrikorrix dan il-każ. Il-Maġistrat, "fuq il-

provi", wasal għall-konklużjoni li fil-ħin li l-imputat hedded lit-Tabib Briffa, dan kien qed jaġixxi mhux bħala Tabib tal-Gvern, iżda bħala eżerċenti privat. U jekk, bħala fatt "pruvat", il-Maġistrat irritjena dan, allura ma kienx hemm ebda enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi meta hu kkonkluda li si trattava tal-minaċċja kontravvenzjonali kontemplata fl-art. 353 (1) (e) Kap. 12. Għalhekk, fuq din il-bażi, ma kienx hemm dritt ta' appell mill-parti ta' l-Attorney General, għaliex "bħala apprezzament ta' fatt" il-konklużjoni tal-Maġistrat li Dr. Briffa kien qed jaġixxi bħala tabib privat ma tistax tiġi sindakata fuq appell tal-Prosekuzzjoni, u l-konklużjoni ulterjuri tiegħu li allura si trattava ta' minaċċja kontravvenzjonali ma tiha ebda enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi;

Kif ingħad, il-Prosekuzzjoni appellat ukoll minħabba li l-Qorti ta' l-Ewwel Grad illiberat għax l-azzjoni kienet perenta bil-preskrizzjoni;

Kif ingħad, il-punt li kien il-każ ta' minaċċja kontravvenzjonali ma hux sindakabili fuq appell tal-Prosekuzzjoni; kwindi fil-meritu kienet anki sewwa l-konklużjoni tal-Maġistrat li mill-kontravvenzjani san-notifika taċ-ċitazzjoni għadda t-terminu preskrizzjonali ta' tliet xhur;

Kosikkè l-appell hu irritu u null kwantu għall-impunjazzjoni ta' l-ewwel sentenza, filli rriteniet li kien hemm biss minaċċja kontravvenzjonali, u bla bażi in kwantu dik is-sentenza hija mpunjata għax illiberat minħabba *estinzjoni ta' l-azzjoni*;

U għal dawn ir-raġunijiet l-appell tal-Prosekuzzjoni jibqa' rejett, u s-sentenza assolutorja konfermata.